31978L1020

14.12.1978 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 350/27

# ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

## tal-5 ta' Diċembru 1978

## li temenda d-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE u 69/208/KEE dwar il-*marketing* taż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf, taż-żerriegħa taċ-ċereali u taż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u l-fibri

(78/1020/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43 u 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2];

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [3],

Billi d-disposizzjonijiet dwar il-*marketing* taż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf, taż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u tal-pjanti tal-fibri jipprovdu li, wara l-1 ta' Lulju 1977, l-ekwivalenza tal-miżuri meħuda f'pajjiżi terzi li tikkonċerna l-eżami uffiċjali taż-żrieragħ ma jistgħux jiġu aktar stabbiliti fil-livell nazzjonali; billi ċerti deċiżjonijiet ta' l-ekwivalenza meħuda fil-livell tal-Komunità bdew iseħħu biss mill-1 ta' Lulju 1978; billi l-perjodu li għalih jipprovdi l-istabbiliment ta' l-ekwivalenza fil-livell nazzjonali għandu għalhekk jiġi mtawwal b'sena biex ikunu jkopru x-xejriet tradizzjonali tal-kummerċ li ġew sostnuti wara l-1 ta' Lulju 1977 sakemm iseħħu d-deċiżjonijiet tal-Kunsill;

Billi d-disposizzjonijiet dwar il-*marketing* taż-żerriegħa taċ-ċereali jippermettu li żrieragħ li ma jkunux ġew suġġetti għall-ispezzjoni uffiċjali fuq il-post li jkunu ċċertifikati uffiċjalment taħt ċerti kondizzjonijiet sal-31 ta' Diċembru 1978; billi perjodu addizzjonali għandu jingħata biex l-esperjenza meħtieġa għal soluzzjoni aktar ġenerali u definittiva tkun tista' tinkiseb,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 16 (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-*marketing* taż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf [4], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 78/692/KEE [5], id-data l-1 ta' Lulju 1977 għandha tiġi mibdula bil-1 ta' Lulju 1978.

*Artikolu 2*

Fl-Artikolu 2 (2) (d) tad-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-*marketing* taż-żerriegħa taċ-ċereali [6], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 78/692/KEE [7], id-data tal-31 ta' Diċembru 1978 għandha tiġi mibdula bi l-31 ta' Diċembru 1980.

*Artikolu 3*

Fl-Artikolu 15 (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 69/208/KEE tat-30 ta' Ġunju 1969 dwar il-*marketing* taż-żerriegħa taż-żejt u l-pjanti tal-fibri [8], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 78/388/KEE [5], id-data tal-1 ta' Lulju 1977 għandha tiġi mibdula bl-1 ta' Lulju 1978.

*Artikolu 4*

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma':

— l-Artikolu 1 u 3 b'effett mill-1 ta' Lulju 1977,

— l-Artikolu 2, fil-31 ta' Diċembru 1978 l-aktar tard.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, 5 ta' Diċembru 1978.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. LAHNSTEIN

---

[1] ĠU C 174, tal-21.7.1978, pġ. 8.
[2] ĠU C 239, tad-9.10.1978, pġ. 54.
[3] L-Opinjoni mogħtija fit-12 u 13 ta' Lulju 1978 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[4] ĠU 125, tal-11.7.1966, pġ. 2298/66.
[5] ĠU L 236, tas-26.8.1978, pġ. 13.
[6] ĠU 125, tal-11.7.1966, pġ. 2309/66.
[7] ĠU L 169, ta' l-10.7.1969, pġ. 3.
[8] ĠU L 113, tal-25.4.1978, pġ. 20.